MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 17/2010

**Professur Edward Mallia**

**vs**

**Universita` ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Marzu, 2010, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"<u>1. Introduzzjoni</u>

Fil-bidu tas-smiegh tal-kaz tqajmu zewg punti importanti li kien jinhtieg li jigu decizi qabel ma jitkompla s-smiegh. Dawn kienu jirrigwardaw it-terminu ta' erba' xhur li matulhom irid jigi sottomess il-kaz wara l-allegat licenzjament u n-natura tal-kuntratt li kien jikkostitwixxi r-relazzjoni ta' xoghol bejn iz-zewg partijiet.

It-Tribunal ezamina tliet xhieda inkluz ir-Rikorrent u sama' t-trattazzjoni taz-zewg avukati fuq dawn iz-zewg punti.

2. Fatti tal-Kaz

Dwar il-punt tat-tempestivita tar-rikors promotur ir-Rikorrent jghid li huwa rcieva l-ittra li tinfurmah li l-kuntratt li kellu ma kienx se jigi mgedded f'data li hi wara l-21 ta' Lulju 2009. Ir-rikors promotur gie intavolat fit-13 ta' Novembru 2009, li huwa qabel l-iskadenza ta' l-erba' xhur imsemmi fil-ligi. L-Universita mill-banda l-ohra tghid li l-ligi tindika li l-erba' xhur iridu jiskattaw "mid-data effettiva tal-ksur allegat" skond l-Art 75(3) tal-Kap 452.

Il-punt l-iehor li tqajjem mill-Universita kien li dan il-kuntratt ma kienx wiehed ta' xoghol izda ta' konsulenza. Ir-Rikorrent jghid li matul il-kuntratt originali huwa kien moghti xoghol addizzjonali li baqa' sejjer bih wara li gie terminat il-kuntratt u ghalhekk kellu jkun kunsidrat bhala impjegat fuq kuntratt indefinit ai termini ta' l-Art 34(2) tal-Kap 452.

3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal beda biex ikkonsidra it-tieni punt imqajjem mill-Universita u ribattut mir-Rikorrent. Il-kuntratt bejn ir-Rikorrent u l-Universita (Dok EM) huwa wiehed ta' konsulenza. Fih il-Professur Edward Mallia huwa deskritt bhala *"the Consultant"* u fil-preambolu tieghu hemm testwalment imnizzel *"The University intends to engage the Consultant to provide consultancy services which shall be rendered to the University of Malta upon its request".* Huwa mela ovvju li d-doveri tar-Rikorrent kienu ta' natura konsultattivi. Hemm distinzjoni kbira bejn *contract of service* ossija kuntratt ta' impieg kif definit fil-Kap 452 (Art 2) u *contract for service* kif deskritt fil-proviso tad-

definizzjoni ta' "impjegat" Kap 452 (Art 2). Din id-distinzjoni dejjem tipprezenta xi diffikulta. It-Tribunali Inglizi, affaccjati bil-kwistjoni jekk kuntratt kienx *for service* jew *of service,* zviluppaw diversi testijiet biex jaraw jekk japplikawx il-kazi varji li jidhru quddiemhom. Hemm it-test ta' *control,* li jfisser kemm kontroll kellu l-principal fuq dak li kien jaghmel il-haddiem. Hemm it-test imbaghad li huwa iktar car zviluppat minn Lord Denning fil-kaz *Stevenson, Jordan and Harrison vs Macdonald and Evans.* Dan it-test baqa' jissemma' bhala l-*organisation integration test.* Fis-sentenza tieghu Lord Denning qal testwalment: *"under a contract of service, a man is employed as part of the business and his work is done as an integral part of the business but under a contract for services his work, although done for the business, is not integrated into it but only accessory to it."* Issa jekk napplikaw din l-interpretazzjoni f'dan il-kaz huwa ovvju li l-Professur Mallia skont it-termini tal-kuntratt li kellu ma kienx qed jippresta s-servizzi tieghu fil-kwalita ta' impjegat izda bhala konsulent u konsegwentement bhala fornitur ta' servizzi.

It-Tribunal imbaghad ghadda biex jikkunsidra l-punt imqajjem mir-Rikorrent illi huwa kien inghata xoghol iehor li baqa' sejjer wara l-iskadenza tal-Kuntratt in ezami. Ir-Rikorrent fix-xhieda tieghu qal li waqt li kien ghaddej il-Kuntratt huwa nghata xoghol li ma kienx imsemmi fit-tali Kuntratt. Dan ix-xoghol baqa' ghaddej anke wara li kien skada t-terminu ta' l-istess Kuntratt fit-30 ta' Gunju, 2009. It-Tribunal innota li dan ix-xoghol ma kienx inkluz mad-doveri elenkati fil-Kuntratt kif stqarr l-istess Rikorrent fix-xhieda tieghu.  Ghaldaqstant qatt ma setghu joriginaw jew ikunu dipendenti mill-istess Kuntratt u certament ma kienux jifformaw parti minnu. It-tezi mela tar-Rikorrent illi huwa awtomatikament sar impjegat fuq kuntratt indefinit tax-xoghol ai termini ta' l-Art 34(2) tal-Kap 452 ma tistax tigi akkolta. Jekk ir-Rikorrent ghandu xi pretenzjoni ghal hlas ta' xi xoghol li sata' ghamel

wara l-iskadenza tal-Kuntratt tieghu ma' l-Universita dana jista’ jitolbu lil xi organu iehor u certament mhux lil dan it-Tribunal.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-presentazzjoni tal-kaz entro jew fuori termine in vista ta' l-accettazzjoni tat-tieni eccezzjoni ta' l-Universita t-Tribunal mhux fi hsiebu jaghti decizjoni.

<u>4. Decizjoni</u>

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jiddecidi li mhux kompetenti li jittratta l-kaz peress illi kif intqal ma kienitx tezisti relazzjoni kuntrattwali tax-xoghol bejn l-Universita u l-Professur Edward Mallia ghax dana ma kienx impjegat jew haddiem kif jirrikjedi l-Kap 452.

B'hekk jintemm dan il-Kaz.”

Ir-rikorrenti Professur Edward Mallia jiddenuncja din is-sentenza b’dawn il-motivi ta’ aggravju:-

1. It-Tribunal ghadda ghad-decizjoni dwar il-kompetenza tieghu sollevata bit-tieni eccezzjoni ta’ l-Universita` meta din il-kwestjoni qatt ma giet ittrattata mill-partijiet, anke ghaliex sad-data tad-decizjoni l-kawza kienet stradata b’mod esklussiv fuq l-ewwel eccezzjoni. L-appellanti jilmenta illi konsegwentement it-Tribunal illedielu l-principju ta’ gustizzja naturali *audi alteram partem*;

2. F’kull kaz it-Tribunal ma kellux il-kompetenza li jiddeciedi dwar in-natura tal-kuntratt bejn il-partijiet ghaliex b’dan kien investit it-Tribunal ta’ l-Arbitragg li lilu l-kwestjoni kienet giet sottomessa. L-appellanti jirraguna ghalhekk illi t-Tribunal *de quo* agixxa *ultra vires* meta ddecieda jekk hu kienx jaqa’ taht id-definizzjoni ta’ “haddiem” ai termini ta’ l-Artikolu 75 tal-Kapitolu 452. Fuq dan il-punt jinsisti illi t-Tribunal kellu jissoprassjedi

sakemm in-natura tal-kuntratt tigi definita mit-Tribunal ta' l-Arbitragg;

In meritu ghall-ewwel motiv ta' censura hu deducibbli mill-inkartament tal-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali dawn il-verbali li jsegwu:-

i. Seduta 17 ta' Frar, 2010: It-Tribunal talab lill-partijiet sabiex qabel jibda jisma l-kaz fuq il-mertu, ghandha tigi ttrattata u decizja l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz ta' l-Universita` ta' Malta. Din l-eccezzjoni hi espressa fis-sens illi l-azzjoni tar-rikorrenti appellanti hi inammissibbli billi ma gietx ipprezentata fiz-zmien perentorju ta' erba' xhur skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452;

ii. Seduta 17 ta' Marzu, 2010: F'din jinsab verbalizzat illi kemm l-Avv. Chris Soler, kif ukoll l-Avv. Joseph Ellis ittrattaw l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Universita`. Gie difatti mizjud illi "il-kaz gie differit ghal data li tigi notifikata lill-partijiet aktar 'il quddiem ghad-decizjoni preliminari fuq l-ewwel eccezzjoni";

B'konsegwenza ta' dawn il-verbali kien mistenni li t-Tribunal jillimita ruhu ghal decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari. Invece, kif jirrizulta mill-korp tas-sentenza t-Tribunal iddecieda t-tieni eccezzjoni u zied jikkummenta illi "ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-presentazzjoni tal-kaz entro jew fuori termine, in vista ta' l-accettazzjoni tat-tieni eccezzjoni ta' l-Universita, it-Tribunal mhux fi hsiebu jaghti decizjoni";

Markatament, id-denuncja ta' l-appellant, ghal fini tar-rilevanza invalidanti tas-sentenza, tinsab fondata in kwantu l-verbali ta' l-udjenzi li minnhom jidhru l-atti kompjuti u d-difizi zvolti kienu b'mod esklussiv allaccjati ma' l-ewwel eccezzjoni. Jigi allura illi dawk l-istess verbali ma gewx mit-Tribunal tradotti kif imiss fir-redazzjoni tad-decizjoni tieghu;

M'hemmx ghalfejn jinghad illi fil-gudizzju quddiem tribunali ta' kwalsiasi specje, il-gudikant, ankorke hu fakoltizzat li jirregola l-proceduri quddiemu bil-mod li jidhirlu l-aktar opportun, hu obbligat li josserva mhux biss il-verbali tieghu izda, fuq kollox, il-kanoni fondamentali li jiggarantixxu lill-partijiet id-drittijiet ampji tad-difiza b'mod li jkunu jafu r-rizultanzi tal-process u li jesponu l-assunti taghhom in mertu. Dan hu principju inderogabbli in kwantu ta' ordni pubbliku u jrid jigi rispettat sahansitra minn tribunal li hu fakoltizzat jiddeciedi skond l-ekwita. Fil-kaz prezenti, il-vjolazzjoni ta' dan l-istess principju hu lampanti u dan jinzel mill-accertament ta' l-argomenti li fuqhom it-Tribunal Industrijali bbaza d-decizjoni tieghu. Minnhom hu ravvizabbli illi l-partijiet ma nghatawx il-possibilita` li jiddiskutu fatti u cirkostanzi konnessi mat-tieni eccezzjoni u, allura wkoll, li jikkontrapponu ghar-*ratio decidendi* elementi ta' prova u ta' difiza, kapaci li jwasslu ghal konvinciment divers. Dan hu hekk zgur, imbaghad, fil-kaz ta' l-appellanti;

Indubbjament, it-Tribunal ma agixxiex korrettament meta ddelibera u ddecieda fuq it-tieni eccezzjoni ghaliex il-kwestjoni ma kienetx imhollija ghad-decizjoni fuq daqshekk. Fatalment, l-appellanti gie privat ingustament u dan bi pregudizzju serju. Kif kellha okkazjoni tirrimarka din il-Qorti f'kaz li ghandu xebh mal-kaz prezenti "din mhix vjolazzjoni ta' forma, f'liema kaz din il-Qorti ma kienetx tannulla s-sentenza hlief jekk jidhrilha illi fis-sostanza mhix gusta. Hawn si tratta ta' sentenza illi ma messhiex u ma setghetx leglament tinghata fic-cirkustanzi fuq imsemmija". Ara "**Carlos Agius *et* -vs- John Cardona *et***", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007 u l-bosta sentenzi f'din kompendjati. Hawn ukoll instab illi d-decizjoni moghtija kienet inkonciljabbli mal-verbali. Jikkonsegwi illi din il-Qorti hi fid-dmir li takkorda lill-appellanti r-rivendikazzjoni u dan bhala rimedju ghas-sitwazzjoni tal-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' smigh xieraq;

Jekk trid il-Qorti tieqaf hawn. Thoss pero illi ghandha taghti risposta ghat-tieni ilment fis-sens illi l-Qorti ma tarax ghalxiex, fil-limitu tal-kompetenza tieghu, it-Tribunal adit ma setax, bhala materja ta' dritt, jiddeciedi dwar in-natura tal-kuntratt bejn il-partijiet. Dan hu sew rikonoxxut mill-Qrati taghna f'diversi decizjonijiet. Hekk ad ezempju, gie ragunat illi l-Qrati Inferjuri kellhom id-dritt li jissindikaw il-validita` tal-kuntratt kif ukoll jekk jirrikonoxxux ragunijiet li jiggustifikaw ir-rizoluzzjoni taghhom. Ara "**Carmel Axiaq -vs- Luigi Cassar *nomine***", Appell, 28 ta' Fara, 1997. Similment, fil-kaz ta' kwesjtonijiet insorti quddiem certi Bordijiet. Ara fil-kaz tal-Bord li Jirregola l-Kera d-decizjoni tat-8 ta' Lulju, 1981 fl-ismijiet "**Remig Farrugia -vs- Vincent Curmi**", u fil-kaz tal-Bord ta' Kummissarju Specjali, id-decizjoni tal-5 ta' Ottubru, 1979 in re: "**Avv. Dr. Victor Ragonesi *nomine* -vs- Cecil Baker *nomine***". Anzi, ghal kuntrarju ta' dak dedott mill-appellanti, jinsab ritenut illi "fl-ebda okkazjoni l-Qrati taghna ma rrikonoxxew il-fakolta li t-Tribunal specjali jissoprassjedi f'kaz ta' interpretazzjoni ta' xi disposizzjoni partikolari tal-ligi. Ara "**Francesco Spiteri -vs- Giuseppe Sghendo *et***", Appell, 9 ta' Mejju, 1955. Minn din l-ottika l-Qorti ma ssibx illi t-Tribunal kien prekluz milli jezamina l-kuntratt fl-ambitu tal-ligi u l-aktar dik tad-definizzjoni li l-Kapitolu 452 jaghti lill-kelma "haddiem";

Gjaladarba l-Imhallef prezenti wasal biex jirtira, il-Qorti thoss li jkun opportun, fil-kaz li t-Tribunal jiskarta l-ewwel eccezzjoni, u jkollu b'konsegwenza ta' din id-decizjoni, li ser tigi annullata, jerga' jiddibatti t-tieni eccezzjoni, illi tattira bi gwida l-attenzjoni ta' l-istess Tribunal ghal konsiderazzjonijiet li gejjin fir-rigward ghal dik l-istess eccezzjoni fil-mertu:-

1. Jezistu varjetajiet ta' arrangamenti legali li mhux dejjem hu possibbli li wiehed jikkazellahom f'kategoriji specifici. Veru li ghad jezistu fid-duttrina legali qaghdiet ta' incertezzi, jekk mhux ukoll ta' konfuzjoni, dwar jekk l-arrangament partikolari jikkwalifikax bhala "<u>kuntratt ta' servizzi</u>" jew "<u>kuntratt ghas-servizz</u>". Jezistu

pero` certi linji gwida li kapaci jikkjarixxu din id-distinzjoni, ukoll f'kaz ta' din ix-xorta, jekk wiehed jaccetta bhala proposizzjoni valida illi "*a person who works in a consultancy or advisory capacity is capable of being an employee, depending on the legal and factual arrangements which are made*" (Para. 2.13 ta' l-opra omonima ta' **Selwyn**, "**Law of Employment**", 15th Edition, Oxford University Press, 2008);

2. Ukoll huwa valevoli minn din l-istes opra l-kapitolu intitolat "Distinction between employees and self employed persons" (pagna 40), senjatament minn para. 2.46 sa para. 2.49. Dan ghal fini li jkun determinat ahjar jekk certu attivita, ekonomikament rilevanti, hijiex oggett ta' rapport ta' xoghol subordinat jew rapport ta' xoghol awtonomu. Fil-kuntest jezistu elementi varji li jistghu jiddefinixxu jekk dik l-attivita ghandhiex mill-karatteristika tar-rapport wiehed jew l-iehor;

3. Finalment, dejjem in tema tad-distinzjoni bejn "contract of service" u "contract for service" jistghu jigu kkonsultati s-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fl-ismijiet "**Joseph Ellul -vs- Joseph Rossignaud *nomine***", Appell Civili, 27 ta' April, 1964 u "**Joseph Gatt *et* -vs- Avv. Dr. Joseph Brincat *nomine***", Appell Kummercjali, 17 ta' Marzu, 1986.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell fl-ewwel gravam tieghu u konsegwentement thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal Industrijali biex il-kawza tigi deciza skond il-ligi. Huwa xieraq li fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------